# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2001**

**Numru : 25**
**Citaz. Numru : 2492/2000/RCP**

**J Polidano Plant Hire Limited**

**vs**

**S.A. Construction Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

1. Illi s-socjeta attrici pprovdiet servizzi lis-socjeta konvenuta, skond kif pattwit bejn il-partijiet u ghalhekk is-socjeta konvenuta hija prezentement debitrici tas-socjeta attrici fis-somma bilancjali ta' elfejn disa mija u tnejn u sebghin lira u hmistax-il centezmu (Lm2,972.15), oltre ghal erba mija u tmienja u erbghin

lira u disa u disghin centezmu (Lm448.99) rapprezentanti imghax legali mill-21 ta' Dicembru 1998 sa llum, b'kollox ghal hekk tlett elef erba mija u wiehed u ghoxrin lira u erbatax-il centezmu (Lm3,421.14).

2. Illi nonostante li kien hemm diversa korrispondenza bejn il-partijiet, li biha s-socjeta' attrici interpellat lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas, inkluz ittra ufficjali tal-25 ta' Awissu 2000, b'dan pero' baqghet inadempjenti, u inoltre ic-cheques sottomessi gew ritornati lura bl-iskritta "refer to drawer".

4. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza *ai termini* tal-Artiklu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

5. Tqhid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex dina il-Qorti ma ghandhiex taqta' u tiddeciedi il-kawza *ai termini* tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u (2) tikkundannha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef erba mija u wiehed u ghoxrin lira u erbatax-il centezmu (Lm3,421.14) lilha dovuta - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mill-lum u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' Lm10 ghall-konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta` Awissu 2000 u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppresentat kontestwalment mal-presenti kontra s-socjeta konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat l-affidavit ta' John Polidano u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan li tikkundanna lis-socjeta` konvenuta:

(2) thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef erba mija u wiehed u ghoxrin lira u erbatax-il centezmu (Lm3,421.14) lilha dovuta - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' Lm10 ghall-konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta` Awissu 2000 u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppresentat kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**15 ta' Jannar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**15 ta' Jannar, 2001**